



Brussell, 18 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6201/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0026(COD)

CODEC 148
ECOFIN 116
RELEX 178
COEST 53
NIS 7

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-provvediment ta' assistenza makrofinanzjarja lill-Ukrajna (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv - Deċiżjoni li ssir deroga mill-perijodu ta' tmien ġimgħat previst fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-parlamenti nazzjonali fl-UE

1. Fl-1 ta' Frar 2022, il-Kummissjoni¹ bagħtet lill-Kunsill il-proposta tagħha, ibbażata fuq l-Artikolu 212 TFUE.
2. Fis-16 ta' Frar 2022, il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari dwar il-proposta tal-Kummissjoni. L-eżitu tal-votazzjoni tal-Parlament Ewropew jirrifletti l-qbil li ntlaħaq bejn l-istituzzjonijiet u għaldaqstant għandu jkun aċċettabbli għall-Kunsill².

¹ 5849/22.

² 6197/22.

3. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil tiegħu u jissuġġerixxi lill-Kunsill:
- japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, kif tinsab fid-dokument PE-CONS 5/22, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss;
 - jidderoga, abbażi tal-Artikolu 3, il-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill, mill-perijodu ta' tmien ġimgħat imsemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dak l-Artikolu, fid-dawl tal-urġenza tal-kwistjoni kif tinsab fil-preambolu tal-att leġiżlattiv.
4. Fl-istess ħin, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jiddeċiedi, f'konformità mal-Artikolu 12, il-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill u l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2098³, li l-Kunsill juża l-proċedura bil-miktub għall-adozzjoni tad-Deċiżjoni msemmija hawn jekk ma ssir l-ebda laqgħa bil-kworum tal-Kunsill qabel l-24 ta' Frar 2022.
5. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att leġiżlattiv ikun adottat.
- Wara li jiġi ffirmat mill-Presidenti tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
-

³ Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/2098 tal-25 ta' Novembru 2021 li testendi aktar id-deroga temporanja mir-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill introdotta bid-Deċiżjoni (UE) 2020/430, fid-dawl tad-diffikultajiet ta' vvjaġġar ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 fl-Unjoni (ĠU L 427, tat-30.11.2021, p. 194–195).